

## ATTI ADOTTATTI MINN KORPI STABILITI PERMEZZ TA' FTEHIMIET INTERNAZZJONALI

It-testi oriġinali tan-NU/KEE biss għandhom effett legali skont id-dritt internazzjonali pubbliku. L-istatus u d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament jenħtieġ li jiġu vverifikati fl-aħħar verżjoni tad-dokument tal-istatus tan-NU/KEE TRANS/WP.29/343, li jinsab fuq dan l-indirizz: <https://unece.org/status-1958-agreement-and-annexed-regulations>

### **Ir-Regolament tan-NU Nru 92 — Dispożizzjonijiet uniformi dwar l-approvazzjoni ta' sistemi tas-silenzjar tal-egħost ta' sostituzzjoni mhux oriġinali (NORESS) għall-vetturi tal-kategoriji L1, L2, L3, L4 u L5 fir-rigward tal-emissjoni tal-ħoss [2023/1714]**

Jinkorpora t-test validu kollu sa:

Serje 02 ta' emendi — Data tad-dħul fis-seħħ: 15 ta' Ottubru 2019

Dan id-dokument huwa intiż purament bħala għoddha ta' dokumentazzjoni. It-test awtentiku u legalment vinkolanti huwa: ECE/TRANS/WP.29/2019/7.

WERREJ

#### Regolament

1. Kamp ta' Applikazzjoni
2. Definizzjonijiet
3. Applikazzjoni għall-approvazzjoni
4. Markar
5. Approvazzjoni
6. Speċifikazzjonijiet
7. Modifika u estensjoni tal-approvazzjoni ta' NORESS u estensjoni tal-approvazzjoni
8. Konformità tal-produzzjoni
9. Penali għan-nuqqas ta' konformità tal-produzzjoni
10. Produzzjoni mwaqqfa għalkollox
11. Ismjiet u indirizzi tas-Servizzi Tekniċi responsabbi għat-twettiq tat-testijiet tal-approvazzjoni u tal-Awtoritajiet tal-Approvazzjoni tat-Tip
12. Dispożizzjonijiet tranzizzjonal

#### Annessi

1. Komunikazzjoni
2. Eżempju tal-marki tal-approvazzjoni
3. Rekwiżiti għal materjal fibruż assorbenti użat fin-NORESS
4. Dikjarazzjoni tal-konformità mad-Dispożizzjonijiet Addizzjonali dwar l-Emissjoni tal-Ħoss

1. Kamp ta' Applikazzjoni

Dan ir-Regolament tan-NU japplika għal sistemi tas-silenzjar tal-egżost ta' sostituzzjoni mhux oriġinali għal vetturi tal-kategoriji L<sub>1</sub>, L<sub>2</sub>, L<sub>3</sub>, L<sub>4</sub> and L<sub>5</sub> (¹).

2. Definizzjonijiet

Għall-fini ta' dan ir-Regolament tan-NU

2.1. "Sistema tas-silenzjar tal-egżost ta' sostituzzjoni mhux oriġinali jew komponenti ta' din is-sistema" tħisser sistema ta' tip differenti minn dik installata fuq vettura meta tingħata l-approvazzjoni jew l-estensjoni tal-approvazzjoni. Din tista' tintuża biss bħala sistema tal-egżost jew tas-silenzjar ta' sostituzzjoni.

L-akronimu NORESS jirrappreżenta s-sistema tas-silenzjar tal-egżost ta' sostituzzjoni mhux oriġinali.

2.2. "Komponent tas-sistema tas-silenzjar tal-egżost ta' sostituzzjoni mhux oriġinali" tħisser wieħed mid-diversi komponenti li flimkien jifformaw is-sistema tas-silenzjar tal-egżost. (²)

2.3. "Sistemi tas-silenzjar tal-egżost ta' sostituzzjoni mhux oriġinali ta' tipi differenti" tħisser sistemi tas-silenzjar li jvarjaw b'mod sinifikanti f'aspetti bħalma huma:

- (a) Il-komponenti tagħhom għandhom ismijiet jew marki kummercjalji differenti,
- (b) Il-karatteristiċi tal-materjali li jikkostitwixxu l-komponent huma differenti jew il-komponenti jvarjaw fl-għamla jew fid-daqs; modifika fir-rigward tal-kisi (kisi biż-żingu, kisi bl-aluminju, eċċ.) ma hijiex meqjusa bħala bidla tat-tip,
- (c) Il-prinċipji operazzjonali ta' mill-inqas komponent wieħed huma differenti,
- (d) Il-komponenti tagħhom huma kkombinati b'mod differenti.

2.4. "Sistema tas-silenzjar tal-egżost ta' sostituzzjoni mhux oriġinali (NORESS) jew komponent tagħha" tħisser kwalunkwe parti tas-sistema tas-silenzjar tal-egżost definita fil-paragrafu 2.1 maħsuba għall-użu fuq vettura, differenti minn parti tat-tip installata fuq il-vettura meta tressqet għall-approvazzjoni tat-tip skont ir-Regolament tan-NU Nru 9, ir-Regolament tan-NU Nru 41 jew ir-Regolament tan-NU Nru 63;

2.5. "Approvazzjoni ta' NORESS jew komponent(i) tagħha" tħisser l-approvazzjoni tas-sistema tas-silenzjar sħiħa jew ta' parti minnha li tkun adattabbi għal tip wieħed jew għal diversi tipi ta' vetturi speċifikati, li taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament tan-NU, fir-rigward tal-limitazzjoni tal-livell tal-ħoss tagħhom;

2.6. "Tip ta' vettura" tħisser vetturi, li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament tan-NU, li ma jvarjawx f'aspetti essenziali bħal:

- (a) It-tip ta' magna (two-stroke jew four-stroke b'pistuni b'moviment alternat jew rotatorju; l-għadd u l-kapaċità taċ-ċilindri; l-għadd u t-tip tal-karburaturi jew tas-sistemi ta' injezzjoni; l-arranggament tal-valvi; il-potenza netta massima nominali u l-veloċità korrispondenti tal-magna). Għall-magni bil-pistuni b'moviment rotatorju, iċ-ċilindrata għandha titqies bħala li hija d-doppju tal-volum tal-kompartiment;
- (b) Is-sistema tal-mototrażmissjoni, b'mod partikolari l-għadd u l-proporzjonijiet tal-gerijiet tat-trażmissjoni u l-proporzjon finali;
- (c) L-għadd, it-tip u l-arranggament tas-sistemi tas-silenzjar tal-egżost.

2.7. "Veloċità nominali tal-magna" tħisser il-veloċità tal-magna li fiha l-magna tiżviluppa l-potenza netta massima nominali tagħha kif iddiċċarata mill-manifattur (³).

Is-simbolu n<sub>rated</sub> jindika l-valur numeriku tal-veloċità nominali tal-magna espressa frotazzjonijiet kull minuta.

(¹) Kif definit fir-Riżoluzzjoni Konsolidata dwar il-Kostruzzjoni tal-Vetturi (R.E.3.) (ECE/TRANS/WP.29/78/Rev.6, para. 2).

(²) Dawn il-komponenti huma, b'mod partikolari, il-manifold tal-egżost, is-silenzjatur proprij, il-kompartiment ta' espansjoni u r-reżonatur.

(³) Jekk il-potenza netta massima nominali tintlaħaq f'diversi veloċitajiet tal-magna, il-veloċità nominali tal-magna tintuża f'dan ir-Regolament bħala l-ogħla veloċità tal-magna li biha tintlaħaq il-potenza netta massima nominali.

3. Applikazzjoni għall-approvazzjoni

3.1. L-applikazzjoni għall-approvazzjoni ta' NORESS jew ta' komponenti tagħha għandha titressaq mill-manifattur jew mir-rappreżentant akkreditat tagħha.

3.2. Hija għandha tkun akkumpanjata mid-dokumenti li jissemmew aktar 'l-isfel fi tliet kopji u mid-dettalji li ġejjin:

- (a) Deskrizzjoni tat-tip(i) ta' vettura li fuqha/fuqhom huma maħsuba li jiġu installati n-NORESS jew komponenti tagħha, fir-rigward tal-punti msemmija fil-paragrafu 2.6 ta' hawn fuq. Għandhom jiġu spċifikati n-numri u/jew is-simboli li jidtegħi kif ukoll in-numru tal-approvazzjoni tat-tip tal-vettura, jekk neċċessarju;
- (b) Deskrizzjoni tan-NORESS sħiħa li turi l-pożizzjoni relativa ta' kull komponenti tagħha, flimkien mal-istruzzjonijiet tal-immuntar tagħhom;
- (c) Disinji dettaljati ta' kull komponent tan-NORESS sabiex dan ikun jista' jinstab u jiġi identifikat faċilment, u spċifikazzjoni tal-materjali użati. Dawn id-disinji għandhom jindikaw ukoll il-pożizzjoni li fiha għandu jitwaħħal in-numru tal-approvazzjoni.

3.3. Fuq talba tas-Servizz Tekniku li jwettaq it-testijiet għall-approvazzjoni, il-manifattur tan-NORESS għandu jressaq:

- (a) Żewġ kampjuni tan-NORESS jew il-komponenti tagħha mressqa għall-approvazzjoni;
- (b) Kampjun tas-sistema tas-silenzjar tal-egżost oriġinali li l-vettura kienet mgħammra biha meta tressqet għall-approvazzjoni tat-tip;
- (c) Vettura tat-test rappreżentattiva tat-tip li fuqha għandha tiġi installata n-NORESS; din il-vettura, meta mkejla għall-emissjoni tal-ħoss skont il-metodi deskritti fl-Anness 3 (inklużi l-emendi rilevanti kollha) tar-Regolament tan-NU Nru 9, ir-Regolament tan-NU Nru 41 jew ir-Regolament tan-NU Nru. 63 għandha tissodisa dawn il-kundizzjonijiet:
  - (i) Jekk il-vettura tkun ta' tip li għalih tkun inħarġet approvazzjoni skont ir-rekwiżiti ta' kull wieħed mir-Regolamenti tan-NU Nru. 9, 41 jew 63:
    - (a) Il-livell tal-ħoss, waqt it-test bil-vettura miexja, ma għandux ikun oħħla mil-limitu spċifikat fir-Regolament tan-NU ikkonċernat b'aktar minn 1 dB(A);
    - (b) Il-livell tal-ħoss waqt it-test bil-vettura wieqfa ma għandux ikun oħħla b'aktar minn 3 dB(A) mil-livell iddeterminat waqt l-approvazzjoni u indikat fuq il-pjanċa tal-manifattur.
  - (ii) Jekk il-vettura ma tkunx tat-tip li għalih tkun inħarġet l-approvazzjoni skont ir-rekwiżiti tar-Regolament tan-NU ikkonċernat, il-livell tal-ħoss ma għandux ikun oħħla b'aktar minn 1 dB(A) mil-limitu applikabbli fiż-żmien ta' meta l-vettura tkun inħarġet fit-triq l-ewwel darba.

4. Markar

4.1. Kull komponent tan-NORESS, eskużi l-pajpjiet u l-fittings, għandu jkollu:

- (a) L-isem jew il-marka kummerċjali tal-manifattur tan-NORESS u tal-komponenti tagħha;
- (b) Id-deżinjazzjoni kummerċjali mogħtija mill-manifattur.

4.2. Dawn il-marki għandhom ikunu leġibbli b'mod ċar u ma jkunux jistgħu jitħassru, kif ukoll għandhom ikunu viżibbli fil-pożizzjoni li tiġi installata in-NORESS.

4.3. In-NORESS għandu jkollha tikketta li ssir mill-manifattur tagħha; din għadha tindika t-tip(i) ta' vettura/i li għalih/għalihom tkun ingħatat l-approvazzjoni.

4.4. Komponent jista' jkollu fuqu diversi numri ta' approvazzjoni jekk ikun ġie approvat bħala komponent ta' diversi sistemi tal-egżost ta' sostituzzjoni.

4.5. Is-sistema tal-egżost ta' sostituzzjoni għandha tiġi pprovduta f'imballaġġ jew ikollha tikketta, li t-tnejn li huma għandu jkollhom id-dettalji li ġejjin:

- (a) L-isem jew il-marka kummerċjali tal-manifattur tas-sistema tas-silenzjar ta' sostituzzjoni u tal-komponenti tagħha,

- (b) L-indirizz tal-manifattur jew ir-rappreżentant tiegħu,
- (c) Lista ta' mudelli ta' vetturi li għalihom hija maħsuba s-sistema tas-silenzjar ta' sostituzzjoni.

4.6. Il-manifattur għandu jipprovd:

- (a) Struzzjonijiet li jispiegaw fid-dettall il-metodu korrett tal-installazzjoni fuq il-vettura;
- (b) Struzzjonijiet għat-trattament tas-sistema tas-silenzjar;
- (c) Lista ta' komponenti bin-numri tal-parts korrispondenti, eskluż ir-retainers.

4.7. Il-marka tal-approvazzjoni.

5. Approvazzjoni

5.1. Jekk in-NORESS jew xi komponent tagħha mressaq għall-approvazzjoni skont dan ir-Regolament tan-NU jissodisfa r-rekwiżiti tal-paragrafu 6 ta' hawn taħt, l-approvazzjoni għal dak it-tip ta' vettura għandha tingħata.

5.2. Għandu jiġi asenjat numru tal-approvazzjoni għal kull tip ta' NORESS approvat. L-ewwel żewġ numri tiegħu (bħalissa 01, li jikkorrispondu għas-serje 01 ta' emendi tar-Regolament tan-NU) għandhom jindikaw is-serje ta' emendi li jinkorporaw l-aktar emendi tekniċi ewleni reċenti li saru lir-Regolament tan-NU fi żmien il-ħruġ tal-approvazzjoni. L-istess Parti Kontraenti ma tistax tassenja l-istess numru lil tip ieħor ta' NORESS jew ta' komponent iddisinjat għall-istess tip(i) ta' vettura.

5.3. In-notifika tal-approvazzjoni jew tal-estensjoni jew ir-rifjut tal-approvazzjoni ta' NORESS jew ta' komponent tagħha skont dan ir-Regolament tan-NU għandha tintbagħha lill-Partijiet għall-Ftehim li jaapplikaw dan ir-Regolament tan-NU permezz ta' formola konformi mal-mudell fl-Anness 1 ta' dan ir-Regolament tan-NU.

5.4. Ma' kull NORESS u komponent tagħha li jkunu konformi ma' tip approvat skont dan ir-Regolament tan-NU, għandha titwaħħal marka tal-approvazzjoni internazzjonali magħmul minn:

- (a) Ċirku madwar l-ittra "E" segwit bin-numru li jiddistingwi l-pajjiż li jkun ta l-approvazzjoni; (\*)
- (b) In-numru ta' dan ir-Regolament tan-NU, segwit bl-ittra "R", sing u n-numru tal-approvazzjoni fuq il-lemin taċ-ċirku preskrītt fil-paragrafu (a) ta' hawn fuq;
- (c) In-numru tal-approvazzjoni għandu jiġi indikat fuq il-formola tal-approvazzjoni, flimkien mal-metodu uż-ghażi-testijiet tal-approvazzjoni.

5.5. Il-marka tal-approvazzjoni għandha tkun leġibbli faċilment meta n-NORESS tkun installata fuq il-vettura, u ma tkunx tista' titħassar.

5.6. Komponent jista' jiġi mmarkat b'aktar minn numru tal-approvazzjoni wieħed jekk ikun ġie approvat bħala part ta' aktar minn NORESS waħda; f'dan il-każ iċ-ċirku ma hemmx għalfejn jiġi ripetut. L-Anness 2 ma' dan ir-Regolament tan-NU jagħti eżempju tal-marka tal-approvazzjoni.

6. Speċifikazzjonijiet

6.1. Speċifikazzjonijiet ġenerali

Is-silenzjatur għandu jkun iddisinjat, mibni u kapaċi li jiġi installat b'tali mod li:

- (a) Il-vettura tkun konformi mar-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament tan-NU f'kundizzjonijiet normali tal-użu, u b'mod partikolari minkejja kwalunkwe vibrazzjoni li tista' tkun soġġetta għalha;

(\*) In-numri li jiddistingwu l-Partijiet Kontraenti għall-Ftehim tal-1958 huma riprodotti fl-Anness 3 għar-Riżoluzzjoni Konsolidata dwar il-Kostruzzjoni tal-Vetturi (R.E.3) (ECE/TRANS/WP.29/78/Rev.6).

- (b) Juri reżistenza rāgħonevoli għall-fenomenu ta' korrużjoni li jkun espost għalih, fejn tingħata attenzjoni xierqa għall-kundizzjonijiet normali tal-użu tal-vettura;
- (c) Id-distanza tas-silenzjatur mill-art kif iffittajt oriġinarjament u l-pożizzjoni inklinata possibbli tal-vettura, ma jiġux imnaqqsa;
- (d) Fis-superfiċe ma jkun hemm temperaturi għoljin wisq;
- (e) It-truf tiegħi ma jkunux jaqtgħu jew bil-ponta u jkun hemm biżżejjed spazju għax-shock absorbers u l-molol;
- (f) Ikun hemm spazju adegwat bejn il-parts tal-molol;
- (g) Ikun hemm spazju adegwat ta' sikurezza bejn il-pajpjiet;
- (h) Ikun reżistenti għat-tbagħbis b'tali mod li jkun kompatibbli ma' rekwiżiti tal-manutenzjoni u tal-installazzjoni definiti b'mod ċar.

## 6.2. Speċifikazzjonijiet fir-rigward tal-livelli tal-ħoss

Għalhekk, l-effiċċenza akustika tan-NORESS jew tal-komponenti tagħha għandha tīgħi vverifikata permezz tal-metodi deskritti fir-Regolament tan-NU Nru. 9, 41 jew 63. B'mod partikolari, għall-applikazzjoni ta' dan il-paragrafu, għandha ssir referenza għas-serje ta' emendi għar-Regolament tan-NU Nru 92 li kien fis-seħħi fiż-żmien tal-approvazzjoni tat-tip tal-vettura l-ġidida. Meta n-NORESS jew komponenti tagħha jkunu installati fuq il-vettura deskritta fil-paragrafu 3.3(c), il-valuri tal-livell tal-ħoss miksuba waqt l-użu taż-żewġ metodi (bil-vettura wieqfa u bil-vettura miexja) għandhom jissodisfaw il-kundizzjoni li ġejja:

Ma għandhomx ikunu ogħla mill-valuri mkejla f'konformità mar-rekwiżiti ta' paragrafu 3.3(c), għall-istess vettura meta din tkun mgħammra bis-sistema tas-silenzjar oriġinali waqt it-test bil-vettura miexja u jew t-test bil-vettura wieqfa.

## 6.3. Rekwiżiti addizzjonal

### 6.3.1. Dispożizzjonijiet ta' protezzjoni mit-tbagħbis

In-NORESS jew il-komponenti tagħha għandhom ikunu mibnija b'tali mod li ma jippermettix it-tnejħħija ta'baffles, exit-cones u parts oħra li l-funzjoni primarja tagħhom hija bħala parti mill-kompartimenti tas-silenzjar/ tal-espansjoni. Meta l-inkorporazzjoni ta' part bħal din tkun inevitabbi, il-metodu tat-twaħħil tagħha għandu jkun tali li t-tnejħħija ma tkun issa (eż. b'fixings bil-kamin konvenzjonali) u għandha tkun imwaħħla b'tali mod ukoll li t-tnejħħija tagħha tikkawża ħsara permanenti/irrikoverabbli lill-assemblaġġ.

### 6.3.2. NORESS multimodali

NORESS b'modalitajiet ta' tħaddim multipli, aġġustabbi manwalment jew elettronikament, li jintgħażlu mis-sewiegħ, għandhom jissodisfaw ir-rekwiżiti kollha fil-modalitajiet ta' tħaddim kollha. Il-livelli ta' ħoss irrapportati għandhom ikunu dawk li jirriżultaw mill-modalitā bl-ogħla livelli ta' ħoss.

### 6.3.3. Projbizzjoni tal-apparat ta' invalidazzjoni

Il-manifattur tan-NORESS ma għandux ibiddel, jaġġusta jew jintroduċi intenzjonalment kwalunkwe apparat jew proċedura biss sabiex jissodisfa r-rekwiżiti tal-emissjoni jiet tal-ħoss ta' dan ir-Regolament tan-NU, jekk dawn ma jkunux operativi waqt tħaddim tipku fit-triq.

### 6.3.4. Dispożizzjonijiet addizzjonal dwar l-emissjoni tal-ħoss (ASEP)

#### 6.3.4.1. Ir-rekwiżiti tal-ASEP għandhom jiġu ssodisfati wkoll għan-NORESS, jekk tkun iddisinjata biex tintuża fuq vetturi li jkollhom approvazzjoni tat-tip skont serje ta' emendi għar-Regolament tan-NU Nru 41, fejn l-ASEP kienet parti mill-approvazzjoni tat-tip maħruġa tal-vettura.

Jekk l-ASEP trid tīgħi t-testjata, dawn it-testijiet u t-testijiet minn qabel meħtieġa jridu jsiru skont is-serje ta' emendi għar-Regolament tan-NU Nru 41, li kienet il-bażi għall-approvazzjoni tat-tip maħruġa tal-vettura.

- 6.3.4.2. Jekk in-NORESS ikollha modalitajiet differenti jew ġeometriji varjablli, trid twettaq it-testijiet tal-ASEP tar-Regolament tan-NU Nru 41 ukoll, jekk tkun iddisinjata biex tintuża fuq vetturi li huma approvati għat-tip skont serje ta' emendi għar-Regolament tan-NU Nru 41, fejn l-ASEP ma kinitx parti mill-approvazzjoni tat-tip maħruġa ta' dawn il-vetturi.

Dawn it-testijiet tal-ASEP u t-testijiet minn qabel meħtieġa għandhom isiru fkonformità mas-serje attwali ta' emendi għar-Regolament tan-NU Nru 41, li hija l-bażi attwali għall-ħruġ tal-approvazzjonijiet tat-tip ta' dawn il-vetturi.

L-emissjoni tal-ħoss tal-vettura mgħammra b'NORESS fkundizzjonijiet tipiċi ta' sewqan fit-triq, li huma differenti minn dawk li fihom twettaq it-test tal-approvazzjoni tat-tip stabbilit fl-Anness 3 u fl-Anness 7 tar-Regolament tan-NU Nru 41, ma għandhiex tiddevja mir-riżultat tat-test b'mod sinifikanti.

- 6.3.4.3. It-testijiet tal-ASEP rigward 6.3.4.2 għandhom isiru bi tqabbil fuq vettura, li hija mgħammra bis-silenzjatur tal-egżost oriġinali u n-NORESS (test back-to-back). It-testijiet tal-ASEP, tal-vettura mgħammra bis-silenzjatur tal-egżost oriġinali, għandhom isiru f'modalitā ta' tħaddim normali għall-użu fit-triq tal-approvazzjoni bbażata fuq l-emissjonijiet tal-ħoss tal-vettura. Dawn ir-riżultati tat-testijiet jibnu biss il-bażi ta' tqabbil mar-riżultati tat-testijiet ASEP tal-vettura mgħammra b'NORESS.

Matul dawn it-testijiet, il-livell tal-pressjoni tal-ħoss tan-NORESS għal kull kundizzjoni tat-test jista' jkollu fil-massimu tiegħu l-istess livell tal-pressjoni tal-ħoss bħall-kejl tal-vettura mgħammra b'silenzjatur tal-egżost oriġinali fil-modalitā approvata tiegħu.

- 6.3.4.4. Jekk it-testijiet rigward 6.3.4.1 jew 6.3.4.2 għandhom jitwettqu għan-NORESS mingħajr modalitajiet operattivi multipli, aġġustabbi manwalment jew elettronikament, li jistgħu jintgħażlu mis-sewwieq jew mingħajr ġeometriji varjablli, il-vettura kif deskritta fil-paragrafu 3.3(c) għandu jintuża.

- 6.3.4.5. Jekk it-testijiet tal-ASEP rigward 6.3.4.1 jew 6.3.4.2 għandhom jitwettqu għan-NORESS, li huma mgħammra b'modalitajiet ta' tħaddim multipli, aġġustabbi manwalment jew elettronikament, li jistgħu jintgħażlu mis-sewwieq jew b'ġeometriji varjablli, kull tip ta' vettura tal-firxa tal-applikazzjoni għall-approvazzjoni tan-NORESS għandha tiġi ttestjata f'kull modalitā li tista' tintgħażel tal-vettura u n-NORESS.

- 6.3.4.6. It-testijiet tal-ASEP rigward 6.3.4.4 jistgħu jsiru mill-manifattur tan-NORESS.

It-testijiet tal-ASEP rigward 6.3.4.5 għandhom jitwettqu mis-Servizz Tekniku. Ir-riżultati tat-test ta' dan il-kejl tal-vettura mgħammra bl-oriġinal u bin-NORESS, u d-data rilevanti kollha ta' dawn it-testijiet għandhom jissemmew fir-rapport tat-test tas-Servizz Tekniku.

- 6.3.4.7. L-awtorità tal-Approvazzjoni tat-Tip tista' titlob kwalunkwe test rilevanti biex tivverifika l-konformità tan-NORESS mar-rekwiżiti msemmija hawn fuq tal-paragrafi 6.3.4.1 sa 6.3.4.6 Matul dawn it-testijiet, l-awtorità tal-approvazzjoni tat-tip tista' tivverifika wkoll is-software tal-unitajiet tal-istering tan-NORESS, li huma mgħammra b'modalitajiet operazzjonali multipli, aġġustabbi elettronikament, li jistgħu jintgħażlu mis-sewwieq jew b'ġeometriji varjablli.

- 6.3.4.8. Minbarra r-rapport tat-test tas-Servizz Tekniku, il-manifattur għandu jipprovd i dikjarazzjoni fkonformità mal-Anness 4 ta' dan ir-Regolament tan-NU li n-NORESS jew il-komponenti li jridu jiġu approvati jikkonformaw mar-rekwiżiti addizzjonali tal-forniment tal-emissjoni tal-ħoss tas-serje ta' emendi għar-Regolament tan-NU Nru 41.

Fil-każ ta' NORESS li huma mgħammra b'modalitajiet ta' tħaddim multipli, aġġustabbi manwalment jew elettronikament, jew b'ġeometriji varjablli, il-manifattur tan-NORESS għandu jibghaq lill-awtorità tal-approvazzjoni dokument addizzjonali bi prinċipju/i dettaljat (i) u kontroll tan-NORESS skont il-paragrafu 6.3.4.9.

- 6.3.4.9. Dokumentazzjoni addizzjonali għan-NORESS mgħammra b'modalitajiet operazzjonali multipli, aġġustabbi manwalment jew elettronikament, li jistgħu jintgħażlu mis-sewwieq jew b'ġeometriji varjablli

- 6.3.4.9.1. Il-pakkett ta' dokumentazzjoni addizzjonali meħtieġ mill-paragrafu 6.3.4.8 li jippermetti lill-awtorità tal-approvazzjoni tevalwa l-istrateġija jew l-istrateġiji għall-kontroll tal-emissjoni tal-ħoss biex tiżgura t-tħaddim korrett tan-NORESS.

Għandu jkun disponibbli fiż-żewġ partijiet li ġejjin:

- (a) il-“pakkett formali ta’ dokumentazzjoni addizzjonali” li jista’ jkun disponibbli għall-partijiet interessati fuq talba;
- (b) il-“pakkett ta’ dokumentazzjoni addizzjonali estiż” li għandu jibqa’ strettament kufidenzjali.

6.3.4.9.2. Il-pakkett formali ta’ dokumentazzjoni addizzjonali jista’ jkun qasir, sakemm juri evidenza li l-parametri kollha għall-kontroll tan-NORESS ġew identifikati. Id-dokumentazzjoni addizzjonali għandha tiddeskrivi t-tħaddim funzjonali tan-NORESS. Dan il-materjal għandu jinżamm mill-awtorità tal-approvazzjoni.

6.3.4.9.3. Il-pakkett ta’ dokumentazzjoni addizzjonali estiż għandu jinkludi informazzjoni dwar l-operat tal-Istrateġji Addizzjonali kollha għall-Emissjonijiet tal-Ħoss (ASES) u l-Istrateġja Bażi għall-Emissjonijiet tal-Ħoss (BSES), inkluż deskrizzjoni tal-parametri li huma modifikati minn kwalunkwe fażi u l-kundizzjonijiet ta’ limitu li skonthom joperaw l-ASES, u indikazzjoni ta’ liema ASES u BSES x’aktarx li jkunu attivi skont il-kundizzjonijiet tal-proċeduri tal-itteżżejjar stabbiliti fir-rekwiżit applikabbli tal-ASEP tar-Regolament tan-NU Nru 41. Il-pakkett ta’ dokumentazzjoni estiż għandu jinkludi l-modi kollha ta’ tħaddim.

Il-pakkett ta’ dokumentazzjoni estiż għandu jibqa’ strettamente kufidenzjali. Dan il-materjal għandu jinżamm mill-Awtorità tal-Approvazzjoni tat-Tip.

#### 6.4. Kejл tal-prestazzjoni tal-vettura

6.4.1. In-NORESS jew il-komponenti tagħha għandhom ikunu tali li jiġi żgurat li l-prestazzjoni tal-vettura tkun komparabbli ma’ dik miksuba bis-sistema tas-silenzjar tal-egżost oriġinali jew komponenti tagħha.

6.4.2. In-NORESS jew, skont l-għażla tal-manifattur, il-komponenti tagħha, għandhom jitqabblu mas-sistema tas-silenzjar tal-egżost oriġinali jew komponenti tagħha, f'kundizzjoni ġidha wkoll, installati suċċessivament fuq il-vettura msemmija fil-paragrafu 3.3(c).

6.4.3. Il-verifica għandha ssir permezz tal-kejl tal-kurva tal-output skont il-paragrafu 6.4.1 jew 6.4.2. Il-potenza massima u l-veloċità tal-magna b'potenza massima mkejla bin-NORESS ma għandhomx ikunu ogħla mill-potenza netta u l-veloċità tal-magna mkejla fil-kundizzjonijiet stipulati hawn taħt bis-sistema tal-egżost oriġinali b'aktar minn  $\pm 5$  fil-mija.

#### 6.4.4. Metodu ta’ ttestjar

##### 6.4.4.1. Metodu ta’ ttestjar tal-magna

Il-kejl għandu jitwettaq fuq il-magna tal-vettura msemmija fil-paragrafu 3.3(c), il-magna tkun immuntata fuq dinamometru.

##### 6.4.4.2. Metodu tat-ttestjar tal-vettura

Il-kejl għandu jitwettaq fuq il-vettura msemmija fil-paragrafu 3.3(c). Il-valuri miksuba bis-sistema tas-silenzjar oriġinali għandhom jitqabblu ma’ dawk miksuba bin-NORESS. It-test għandu jitwettaq fuq xażi dinamometriku.

6.5. Dispożizzjonijiet addizzjonali li jirrigwardaw in-NORESS jew il-komponenti tagħha li jkun fihom materjal fibruż

L-użu ta’ materjal fibruż assorbenti għandu jkun permess għall-kostruzzjoni tan-NORESS biss jekk jiġu ssodisfati r-rekwiżiti fl-Anness 3.

6.6. Evalwazzjoni tal-emissjoni ta’ sustanzi niċċiesa minn vetturi mgħammra b’sistema tas-silenzjar ta’ sostituzzjoni

Il-vettura msemmija fil-paragrafu 3.3(c) bis-sistema tas-silenzjar tal-egħost ta' sostituzzjoni mhux oriġinali (NORESS) tat-tip li għalih tintalab l-approvazzjoni, għandha tissodisfa r-rekwiżiti tat-tnejgħi skont l-approvazzjoni tat-tip tal-vettura. Il-provi għandhom jiġu ddokumentati fir-rapport tat-test.

7. Modifika u estensjoni tal-approvazzjoni ta' NORESS u estensjoni tal-approvazzjoni
  - 7.1. Kull modifika tat-tip ta' NORESS jew ta' komponenti tagħha għandha tiġi nnotifikata lill-Awtorità tal-Approvazzjoni tat-Tip li tkun approvat it-tip ta' NORESS. L-Awtorità msemmija tista' mbagħad jew:
    - (a) Tqis li l-modifikasi li saru x'aktarx ma jkollhomx effett avvers apprezzabbi; jew
    - (b) Tirrikjedi rapport tat-test ġdid mingħand is-Servizz Tekniku responsabbi għat-twettiq tat-testijiet.
  - 7.2. Il-manifattur tan-NORESS jew komponenti tagħha jew ir-rappreżentant akkreditat tiegħu jista' jitlob lill-Awtorità tal-Approvazzjoni tat-Tip li tkun tat-l-approvazzjoni tan-NORESS għal tip wieħed jew għal diversi tipi ta' vetturi għal estensjoni tal-approvazzjoni għal tipi oħra ta' vetturi. Il-proċedura għandha tkun kif deskritta fil-paragrafu 3. ta' hawn fuq.
  - 7.3. Il-konferma jew ir-rifjut tal-approvazzjoni, li tispeċifika l-modifikasi, għandha tiġi kkomunikata skont il-proċedura speċifikata fil-paragrafu 5.3 ta' hawn fuq lill-Partijiet Kontraenti għall-Ftehim li japplikaw dan ir-Regolament tan-NU.
  - 7.4. L-awtorità kompetenti li toħroġ l-estensjoni tal-approvazzjoni għandha tagħti numru tas-serje lil kull formola ta' komunikazzjoni li ssir għal tali estensjoni.
8. Konformità tal-produzzjoni
  - Il-proċeduri ta' konformità tal-produzzjoni għandhom ikunu konformi ma' dawk stabbiliti fl-Appendiċi 2 għall-Ftehim (E/ECE/324-E/ECE/TRANS/505/Rev.2) bir-rekwiżiti li ġejjin:
    - (a) In-NORESS approvata skont dan ir-Regolament tan-NU għandha tiġi manifatturata b'tali mod li tikkonforma mat-tip approvat billi tissodisfa r-rekwiżiti stabbiliti fil-paragrafu 6. ta' hawn fuq;
    - (b) Id-detentur tal-approvazzjoni għandu jiżgura li għal kull tip ta' NORESS jitwettqu mill-inqas it-testijiet preskritti fil-paragrafu 6. ta' dan ir-Regolament tan-NU;
    - (c) L-Awtorità li tat-l-approvazzjoni tat-tip tista', fi kwalunkwe waqt, tivverifika l-metodi tal-kontroll tal-konformità applikati f'kull faciċċità ta' produzzjoni. Il-frekwenza normali ta' dawn il-verifikasi għandha tkun ta' darba kull sentejn;
    - (d) Il-produzzjoni titqies li hija konformi mar-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament tan-NU, jekk ikun hemm konformità mad-dispożizzjonijiet tar-Regolamenti tan-NU Nri 9, 41 u 63, li jikkorrispondu mat-tip ta' vettura, u jekk il-livell tal-ħoss imkejjel bil-metodu deskritt fir-Regolamenti tan-NU partikolari matul it-test bil-vettura miexja ma jaqbiżx b'aktar minn 3 dB(A) il-livell tal-ħoss imkejjel waqt l-approvazzjoni tat-tip u ma jaqbiżx b'aktar minn 1 dB(A) il-limiti preskritti fir-Regolamenti tan-NU Nri 9, 41 u 63 kif aplikabbi.
9. Penali għan-nuqqas ta' konformità tal-produzzjoni
  - 9.1. L-approvazzjoni mogħtija fir-rigward ta' tip ta' NORESS jew tal-komponenti tagħha skont dan ir-Regolament tan-NU tista' tiġi ritrata jekk ma jkunx hemm konformità mar-rekwiżiti stabbiliti fil-paragrafu 8 ta' hawn fuq, jew jekk in-NORESS jew il-komponenti tagħha ma jgħaddux mit-testijiet previsti fil-paragrafu 8(b) hawn fuq.
  - 9.2. Jekk Parti Kontraenti għall-Ftehim li tapplika dan ir-Regolament tan-NU tirtira approvazzjoni li tkun tat-qabel, hija għandha tinnotifika minnufi b'dan lill-Partijiet Kontraenti l-oħra għall-Ftehim tal-1958 li japplikaw dan ir-Regolament tan-NU, permezz ta' formola ta' komunikazzjoni li tikkonforma mal-mudell li jinsab fl-Anness 1 ta' dan ir-Regolament tan-NU.

10. Produzzjoni mwaqqfa ġħalkollox

Jekk id-detentur tal-approvazzjoni jwaqqaf għalkollox il-manifattura ta' tip ta' sistema tas-silenzjar ta' sostituzzjoni jew komponenti tagħha f'konformità ma' dan ir-Regolament tan-NU, huwa għandu jinforma b'dan lill-awtorità li tkun tat l-approvazzjoni li min-naħa tagħha għandha tinforma b'dan lill-Partijiet Kontraenti l-oħra għall-Ftehim tal-1958 li japplikaw dan ir-Regolament tan-NU, permezz ta' kopja tal-formola ta' komunikazzjoni li tikkonforma mal-mudell li jinsab fl-Anness 1 ta' dan ir-Regolament tan-NU.

11. Ismijiet u indirizzi tas-Servizzi Tekniċi responsabbli għat-twettiq tat-testijiet tal-approvazzjoni u tal-Awtoritajiet tal-Approvazzjoni tat-Tip

Il-partijiet Kontraenti għall-Ftehim tal-1958 li japplikaw dan ir-Regolament tan-NU għandhom jikkomunikaw lis-Segretarjat tan-Nazzjonijiet Uniti l-ismijiet u l-indirizzi tas-Servizzi Tekniċi responsabbli għat-twettiq tat-testijiet tal-approvazzjoni u tal-Awtoritajiet tal-Approvazzjoni tat-Tip li jagħtu l-approvazzjoni u li lilhom għandhom jintbagħtu l-formoli li jiċċertifikaw l-approvazzjoni jew l-estensjoni jew ir-rifut jew l-irtirar tal-approvazzjoni, jew tal-produzzjoni mwaqqfa ġħalkollox mahrugā f'pajjiżi oħra.

12. Dispożizzjonijiet tranzizzjonal

12.1. Mid-data uffiċċiali tad-dħul fis-seħħ tas-serje 02 ta' emendi għal dan ir-Regolament tan-NU, l-ebda Parti Kontraenti li tapplika dan ir-Regolament tan-NU ma għandha tirrifjuta li tagħti jew tirrifjuta li taċċetta approvazzjonijiet tat-tip skont is-serje 02 ta' emendi għal dan ir-Regolament tan-NU.

12.2. Minn 12-il xahar wara d-data tad-dħul fis-seħħ tas-serje 02 ta' emendi, il-Partijiet Kontraenti li japplikaw dan ir-Regolament tan-NU għandhom jagħtu approvazzjonijiet biss jekk it-tip ta' komponent jew unità teknika separata li trid tiġi approvata tissodisa r-rekwiżi tas-serje 02 ta' emendi għal dan ir-Regolament tan-NU.

12.3. Minn 24 xahar wara d-data tad-dħul fis-seħħ, il-Partijiet Kontraenti li japplikaw dan ir-Regolament tan-NU għandhom jagħtu estensjonijiet lill-approvazzjonijiet eżistenti biss jekk it-tip ta' komponent jew unità teknika separata li trid tiġi approvata tissodisa r-rekwiżi tas-serje 02 ta' emendi għal dan ir-Regolament tan-NU.

12.4. Anki wara d-dħul fis-seħħ tas-serje ta' emendi 02 għal dan ir-Regolament tan-NU, l-approvazzjonijiet tal-komponenti u tal-unitajiet tekniċi separati għas-serje preċedenti ta' emendi għar-Regolament tan-NU għandhom jibqgħu validi u l-Partijiet Kontraenti li japplikaw dan ir-Regolament tan-NU għandhom ikomplu jaċċettawhom.

## ANNESS 1

**KOMUNIKAZZJONI**

## PARTI A

**NORESS għal tipi ta' vettura approvati skont is-serje ta' emendi 04 għar-Regolament tan-NU Nru 41**

(Format Massimu: A4 (210 × 297 mm))



maħruġa minn: Isem l-amministrazzjoni:  
.....  
.....

- dwar (2):
- Approvazzjoni mogħtija
  - Approvazzjoni estiżha
  - Approvazzjoni rrifjutata
  - Approvazzjoni rtirata
  - Produzzjoni mwaqqfa għalkollox

ta' tip ta' vettura fir-rigward ta' tip ta' NORESS jew komponent tagħha skont ir-Regolament tan-NU Nru 92.

Nru tal-Approvazzjoni ..... Nru tal-Estensjoni .....

1. L-isem kummerċjali jew il-marka tal-vettura: .....
2. Tip ta' vettura: .....
3. L-isem u l-indirizz tal-manifattur: .....
4. Jekk applikabbli, l-isem u l-indirizz tar-rappreżentant tal-manifattur: .....
5. Magna
  - 5.1. Manifattur: .....
  - 5.2. Tip: .....
  - 5.3. Mudell: .....
  - 5.4. Potenza netta massima nominali: ..... kW f' ..... min<sup>-1</sup>
  - 5.5. Tip ta' magna (eż. ta' tqabbiż bi spark, ta' tqabbiż bil-kompressjoni, eċċ.) (3): .....
  - 5.6. Ċikli: two-stroke/four-stroke <sup>2</sup>
  - 5.7. Ċilindrata: ..... cm<sup>3</sup>
6. Trażmissjoni

(1) Numru li jiddistengwi l-pajjiż li jkun ta'estenda/irrifjuta/irtira approvazzjoni (ara d-dispożizzjonijiet ta' approvazzjoni fir-Regolament).

(2) Ħassar dak li ma jaapplikax.

(3) Jekk tintuża magna mhux konvenzjonal, dan għandu jiġi ddikjarat.

- 6.1. Tip ta' trażmissjoni: gearbox mhux awtomatika/gearbox awtomatika: .....
- 6.2. In-numru ta' gerijiet: .....
7. Tagħmir
- 7.1. Silenzjatur tal-egżost
- 7.1.1. Il-manifattur jew ir-rappreżentant awtorizzat (jekk ikun hemm): .....
- 7.1.2. Mudell: .....
- 7.1.3. Tip: ..... fkonformità mad-disinn Nru .....
- 7.2. Silenzjatur tad-dħul
- 7.2.1. Il-manifattur jew ir-rappreżentant awtorizzat (jekk ikun hemm): .....
- 7.2.2. Mudell: .....
- 7.2.3. Tip: ..... fkonformità mad-disinn Nru .....
8. Gerijiet użati għat-test tal-mutur miexi: .....
9. Il-proporzjon(ijiet) tat-trażmissjoni finali: .....
10. Numru tal-approvazzjoni tat-tip ECE tat-tajer(s): .....
- Jekk ma jkunx disponibbli, għandha tiġi pprovdu l-informazzjoni li ġejja:
- 10.1. Il-manifattur tat-tajers: .....
- 10.2. Id-deskrizzjoni(jiet) kummerċjali tat-tip ta' tajer (skont il-fus), (eż. l-isem kummerċjali, l-indiċi tal-veloċità, l-indiċi tat-tagħbija): .....
- 10.3. Id-daqs tat-tajer (skont il-fus): .....
- 10.4. Numru ta' approvazzjoni tat-tip ieħor (jekk ikun disponibbli): .....
11. Mases
- 11.1. Piż gross massimu permissibbli: ..... kg
- 11.2. Massa tat-test: ..... kg
- 11.3. L-indiċi tal-proporzjon qawwa-massa (PMR): .....
12. Tul tal-vettura: ..... m
- 12.1. Tul ta' referenza  $l_{ref}$ : ..... m
13. Veloċitajiet tal-vettura waqt il-kejl fil-ger (i)
- 13.1. Veloċità tal-vettura fil-bidu tal-perjodu ta' aċċellerazzjoni (medja ta' tliet provi) għall-ger (i): ..... km/h
- 13.2. Tul tal-preaċċellerazzjoni għall-ger (i): ..... m
- 13.3. Veloċità tal-vettura  $v_{PP}$  (medja ta' tliet provi) għall-ger (i): ..... km/h
- 13.4. Veloċità tal-vettura  $v_{BB}$  (medja ta' tliet provi) għall-ger (i): ..... km/h
14. Veloċitajiet tal-vettura waqt il-kejl fil-ger (i+1) (jekk ikun applikabbli)
- 14.1. Veloċità tal-vettura fil-bidu tal-perjodu ta' aċċellerazzjoni (medja ta' tliet provi) għall-ger (i+1): ..... km/h
- 14.2. Tul tal-preaċċellerazzjoni għall-ger (i+1): ..... m

- 14.3. Veloċità tal-vettura  $v_{PP}$  (medja ta' tliet provi) għall-ger (i+1): ..... km/h
- 14.4. Veloċità tal-vettura  $v_{BB'}$  (medja ta' tliet provi) għall-ger (i+1): ..... km/h
15. L-aċċellerazzjonijiet jiġu kkalkulati bejn il-linji AA' u BB'/PP' u BB'
- 15.1. Deskrizzjoni tal-funzjonalità tal-apparati użati sabiex l-aċċellerazzjoni tiġi stabbilizzata (jekk ikun applikabbi): .....
16. Livelli tal-ħoss ta' vettura miexja
- 16.1. Riżultat tat-test bl-aċċelleratur miftuħ kompletament  $L_{wot}$ : ..... dB(A)
- 16.2. Riżultati tat-test b'veloċità kostanti  $L_{crs}$ : ..... dB(A)
- 16.3. Fattur parżjali ta' potenza  $k_p$ : ..... dB(A)
- 16.4. Riżultat finali tat-test  $L_{urban}$ : ..... dB(A)
17. Il-livell tal-ħoss ta' vettura wieqfa
- 17.1. Il-pożizzjoni u l-orjentazzjoni tal-mikrofonu (skont l-Appendiċi 2 tal-Anness 3 tas-serje 04 għar-Regolament tan-NU Nru 41): .....
- 17.2. Ir-riżultat tat-test għal test b'vettura wieqfa: ..... dB(A) f' ..... min<sup>-1</sup>
18. Dispożizzjonijiet addizzjonali dwar l-emissjonijiet tal-ħoss:  
Ara d-dikjarazzjoni ta' konformità tal-manifattur (mehmuża)
19. Data ta' referenza tal-konformità waqt l-użu
- 19.1. Il-ger (i) jew, għall-vetturi ttestjati bi proporzjonijiet tal-gerijiet mhux illokjkati, il-pożizzjoni tas-selettur tal-gerijiet magħżula għażiex:
- 19.2. Tul tal-preaċċellerazzjoni  $l_{PA}$ : ..... m
- 19.3. Veloċità tal-vettura fil-bidu tal-perjodu ta' aċċellerazzjoni (medja ta' tliet provi) għall-ger (i): ..... km/h
- 19.4. Livell tal-pressjoni tal-ħoss  $L_{wot(i)}$ : ..... dB(A)
20. Id-data li fiha l-vettura tressqet għall-approvazzjoni: .....
21. Servizz Tekniku li jwettaq it-testijiet tal-approvazzjoni: .....
22. Id-data tar-rapport maħruġ minn dak is-Servizz: .....
23. In-numru tar-rapport maħruġ minn dak is-Servizz: .....
24. Approvazzjoni mogħtija/estiżza/rrifsjutata/irtirata<sup>2</sup>: .....
25. Pożizzjoni tal-marka tal-approvazzjoni fuq il-mutur: .....
26. Post: .....
27. Data: .....
28. Firma: .....
29. Id-dokumenti li ġejjin, li għandhom in-numru tal-approvazzjoni muri hawn fuq, huma meħmuża ma' din il-komunikazzjoni:  
Tpinġiġiet, dijagrammi u pjanijet tal-magna u tas-sistema tas-silenzjar tal-egżost;  
Ritratti tal-magna u tas-sistema tal-egżost jew tas-silenzjar;  
Lista ta' komponenti, debitament identifikati li jikkostitwixxu s-sistema tas-silenzjar tal-egżost.

## PARTI B

**NORESS għal tipi ta' vetturi approvati skont ir-Regolamenti tan-NU Nri 9 jew 63**

(Format Massimu: A4 (210 × 297 mm)



maħruġa minn: Isem l-amministrazzjoni:  
.....  
.....

- dwar (⁹)²:
- Approvazzjoni mogħtija
  - Approvazzjoni estiża
  - Approvazzjoni rrifjutata
  - Approvazzjoni rtirata
  - Produzzjoni mwaqqfa għalkollox

ta' tip ta' vettura fir-rigward ta' tip ta' NORESS jew komponent tagħha skont ir-Regolament tan-NU Nru 92.

Nru tal-Approvazzjoni ..... | Nru tal-Estensjoni .....

1. L-isem kummerċjali jew il-marka tal-vettura: .....
2. Tip ta' vettura: .....
3. L-isem u l-indirizz tal-manifattur: .....
4. Jekk applikabbli, l-isem u l-indirizz tar-rappreżentant tal-manifattur: .....
5. Magna
  - 5.1. Manifattur: .....
  - 5.2. Tip: .....
  - 5.3. Mudell: .....
  - 5.4. Potenza netta massima nominali: ..... kW f ..... min⁻¹
  - 5.5. Tip ta' magna (eż. ta' tqabbiż bi spark, ta' tqabbiż bil-kompressjoni, eċċ.) (⁹)³: .....
  - 5.6. Ċikli: two-stroke/four-stroke <sup>2</sup>
  - 5.7. Ċilindrata: ..... cm³
6. Trażmissjoni
  - 6.1. Tip ta' trażmissjoni: gearbox mhux awtomatika/gearbox awtomatika: .....

(⁹) Numru li jiddistinguwi l-pajjiż li jkun ta'estenda/irrifjuta/irtira approvazzjoni (ara d-dispożizzjonijiet ta' approvazzjoni fir-Regolament).

(⁹) Ħassar dak li ma jaapplikax.

(⁹) Jekk tintuża magna mhux konvenzjonal, dan għandu jiġi ddikjarat.


- 6.2. In-numru ta' gerijiet: .....
7. Tagħmir
- 7.1. Silenzjatur tal-egżost
- 7.1.1. Il-manifattur jew ir-rappreżentant awtorizzat (jekk ikun hemm): .....
- 7.1.2. Mudell: .....
- 7.1.3. Tip: ..... fkonformità mad-disinn Nru .....
- 7.2. Silenzjatur tad-dħul
- 7.2.1. Il-manifattur jew ir-rappreżentant awtorizzat (jekk ikun hemm): .....
- 7.2.2. Mudell: .....
- 7.2.3. Tip: ..... fkonformità mad-disinn Nru .....
8. Gerijiet użati għat-test tal-mutur miexi: .....
9. Il-proporzjon(jiġiet) tat-trażmissjoni finali: .....
10. Numru tal-approvazzjoni tat-tip ECE tat-tajer(s): .....
- Jekk ma jkunx disponibbli, għandha tiġi pprovduta l-informazzjoni li ġejja:
- 10.1. Il-manifattur tat-tajers: .....
- 10.2. Id-deskrizzjoni(jiet) kummerċjali tat-tip ta' tajer (skont il-fus), (eż. l-isem kummerċjali, l-indiċi tal-veloċità, l-indiċi tat-tagħbija): .....
- 10.3. Id-daqs tat-tajer (skont il-fus): .....
- 10.4. Numru ta' approvazzjoni tat-tip ieħor (jekk ikun disponibbli): .....
11. Mases
- 11.1. Piż gross massimu permissibbli: ..... kg
- 11.2. Massa tat-test: ..... kg
- 11.3. L-indiċi tal-proporzjon qawwa-massa (PMR): .....
12. Tul tal-vettura: ..... m
13. Livell tal-ħoss tal-vettura miexja ..... dB(A)
- 13.1. Ġer (i) għat-test tal-vettura miexja .....
- 13.2. Veloċità tal-vettura fil-bidu tal-perjodu ta' aċċellerazzjoni (medja ta' tliet provi) għall-ger (i): ..... km/h
14. Il-livell tal-ħoss tal-vettura wieqfa ..... dB(A)
- 14.1. b'veloċità tal-magna ..... min<sup>-1</sup>

- 14.2. Pożizzjoni u Orjentazzjoni tal-mikrofonu: .....
15. Data ta' referenza tal-konformità waqt l-użu
- 15.1. Il-ger (i) jew, għall-vetturi ttestjati bi proporzjonijiet tal-gerijiet mhux illokkjati, il-pożizzjoni tas-selettur tal-gerijiet magħżula għat-test: .....
- 15.2. Veloċità tal-vettura fil-bidu tal-perjodu ta' aċċellerazzjoni (medja ta' tliet provi) għall-ger (i): ..... km/h
- 15.3. Livell tal-pressjoni tal-ħoss  $L_{(0)}$ : ..... dB(A)
16. Id-data li fiha l-vettura tressqet għall-approvazzjoni: .....
17. Servizz Tekniku li jwettaq it-testijiet tal-approvazzjoni: .....
18. Id-data tar-rapport maħruġ minn dak is-Servizz: .....
19. In-numru tar-rapport maħruġ minn dak is-Servizz: .....
20. Approvazzjoni mogħtija/estiża/rrifsjutata/irtirata<sup>2</sup>: .....
21. Pożizzjoni tal-marka tal-approvazzjoni fuq il-mutur: .....
22. Post: .....
23. Data: .....
24. Firma: .....
25. Id-dokumenti li ġejjin, li għandhom in-numru tal-approvazzjoni muri hawn fuq, huma mehmuża ma' din il-komunikazzjoni:  
Tpingjiet, dijagrammi u pjanijiet tal-magna u tas-sistema tas-silenzjar tal-egżost;  
Ritratti tal-magna u tas-sistema tal-egżost jew tas-silenzjar;  
Lista ta' komponenti, debitament identifikati li jikkostitwixxu s-sistema tas-silenzjar tal-egżost.

## ANNESS 2

**Eżempju tal-marki tal-approvazzjoni**

(Ara l-paragrafu 5.4 ta' dan ir-Regolament tan-NU)

 $a = 8 \text{ mm min}$ 

Il-marka tal-approvazzjoni ta' hawn fuq imwaħħla ma' komponent tas-sistemi tas-silenzjatur turi li t-tip ta' sistema tas-silenzjatur ta' sostituzzjoni kkonċernat ġie approvat fin-Netherlands (E4) skont ir-Regolament tan-NU Nru 92 bin-numru tal-approvazzjoni 022439. In-numru tal-approvazzjoni jindika li l-approvazzjoni ngħatat f'konformità mar-rekwiżiti tar-Regolament tan-NU Nru 92 kurrenti kif emendat mis-serje 02 ta' emendi.

---

## ANNESS 3

**Rekwiżiti għal materjal fibruż assorbenti użat fin-NORESS**

(Ara l-paragrafu 6.5 ta' dan ir-Regolament tan-NU)

1. Il-materjal fibruż assorbent *għandu jkun ħieles mill-asbestos u jista' jintuża fil-kostruzzjoni tas-silenzjatur biss jekk, permezz ta' apparati xierqa, jiġi żgurat li l-materjal fibruż assorbenti jinżamm f'postu l-ħin kollu li s-silenzjatur ikun qed jintuża u li jissodisa r-rekwiżiti ta' kwalunkwe waħda mit-Taqsimiet 2, 4, 5 jew 3 skont l-għażla tal-manifattur.*
2. Wara t-tnejħija tal-materjal fibruż, il-livell tal-ħoss għandu jikkonforma mar-rekwiżiti tal-paragrafu 6.2 ta' dan ir-Regolament tan-NU.
3. Il-materjal fibruż assorbenti ma jistax jitqiegħed f'dawk il-partijiet tas-silenzjatur li minnhom jgħaddu l-għassijiet tal-egħost u għandu jkun konformi mar-rekwiżiti li ġejjin:
  - (a) Il-materjal għandu jissaħħan f'temperatura ta'  $650 \pm 5$  °C għal erba' sīgħat fforn mingħajr tnaqqis fit-tul medju, fid-dijametru jew fid-densità tal-massa tal-fibra;
  - (b) Wara li jissaħħan f'temperatura ta'  $650 \pm 5$  °C għal siegħa fforn, mill-inqas 98 fil-mija tal-materjal għandu jinżamm f'għarbiel b'daq nominali tal-apertura ta'  $250 \text{ }\mu\text{m}$  konformi mal-ISO 3310/1 meta ttestjat skont l-ISO 2599;
  - (c) It-telf fil-piż tal-materjal għandu jaqbeż l-10,5 fil-mija wara l-immersjoni għal 24 siegħa f'temperatura ta'  $90 \pm 5$  °C f'kondensat sintetiku tal-kompożizzjoni li ġejja:
    - (i) 1 N aċċidu idrobromiku (HBr), 10 ml
    - (ii) 1 N aċċidu sulfuriku ( $\text{H}_2\text{SO}_4$ ), 10 ml
    - (iii) Ilma distillat sabiex jinkiseb volum ta' 1 000 ml

*Nota:* Il-materjal għandu jiġi maħsul filma ddistillat u mnixxef għal siegħa f'temperatura ta' 105 °C, qabel ma jintiżen.

4. Qabel ma s-sistema tiġi ttestjata f'konformità mal-paragrafu 6.2 ta' dan ir-Regolament tan-NU, din għandha titqiegħed fi stat normali għall-użu fit-triq permezz ta' wieħed mill-metodi ta' kundizzjonament f'konformità mal-paragrafu 5.1.4 tal-Anness 3 tar-Regolamenti tan-NU Nru 9 jew 63 jew fil-paragrafu 1.3 tal-Anness 5 tar-Regolament tan-NU Nru 41, skont liema jkun applikabbli.
5. Il-għassijiet tal-egħost ma humiex f'kuntatt ma' materjali fibrużi u l-materjali fibrużi ma humiex taħħel-influwenza tal-varjazzjonijiet tal-pressjoni.

## ANNESS 4

**Dikjarazzjoni tal-konformità mad-Dispożizzjonijiet Addizzjonali dwar l-Emissjoni tal-Ħoss**

(Format Massimu: A4 (210 × 297 mm))

Din id-dikjarazzjoni hija meħtieġa għal sistemi tas-silenzjar tal-egħost ta' sostituzzjoni mhux oriġinali (NORESS):

- (a) b'modalitajiet operazzjonali multipli, aġġustabbli manwalment jew elettronikament, jew b'ġeometriji varjabbl;
- (b) mingħajr modalitajiet ta' tħaddim multipli, aġġustabbli manwalment jew elettronikament, li jistgħu jintgħaż lu mis-sewwieq jew mingħajr ġeometriji varjabbl speċifikati għall-użu fuq vetturi tal-kategorija L<sub>3</sub>, li għandhom approvazzjoni tat-tip skont l-emendi tar-Regolament tan-NU Nru 41 u huma soġġetti għas-serje ta' emendi tar-rekwiżiti ASEP tar-Regolament tan-NU Nru 41 (').

..... (Isem il-manifattur) jafferma li s-sistemi tas-silenzjar tal-egħost ta' sostituzzjoni mhux oriġinali ta' dan it-tip ..... (it-tip fir-rigward tal-emissjoni tal-ħoss tiegħu skont is-...<sup>(1)</sup>) serje ta' emendi għar-Regolament tan-NU Nru 41) jikkonforma mar-rekwiżiti applikabbli tal-ASEP tar-Regolament tan-NU Nru 41 matul il-proċedura tal-approvazzjoni tat-tip u l-produzzjoni tagħha.

..... (Isem il-manifattur) jagħmel din id-dikjarazzjoni *in bona fede*, wara li jkun wettaq evalwazzjoni xierqa tal-prestazzjoni tal-emissjoni tal-ħoss tas-sistema tas-silenzjar tal-egħost ta' sostituzzjoni mhux oriġinali f'konformità mar-rekwiżiti tar-Regolament tan-NU Nru 92 matul il-proċedura tal-approvazzjoni tat-tip u l-produzzjoni tagħha.

Data: .....

L-isem tar-rappreżentant awtorizzat: .....

Firma tar-rappreżentant awtorizzat: .....

<sup>(1)</sup> Ħassar il-punt li ma jaapplikax.

<sup>(2)</sup> Imla s-serje ta' emendi għar-Regolament tan-NU Nru 41, li tapplika n-NORESS.